Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/238

16.1.2024

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/238**

**tal-15 ta' Jannar 2024**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti sustanzi aromatizzanti**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u ta' materjali sors approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 ([3]), il-lista ta' sustanzi aromatizzanti ġiet adottata u mdaħħla fl-Anness I, il-Parti A tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.

(3) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li Stat Membru jew parti interessata jissottomettu applikazzjoni għal dan.

(4) Il-lista tal-Unjoni tal-aromatizzanti u tal-materjali sors stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 fiha, fost l-oħrajn, għadd ta' sustanzi aromatizzanti li għalihom, fil-mument tal-adozzjoni tal-lista bir-Regolament (UE) Nru 872/2012, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ma kinitx kapaċi teskludi riskju ta' sikurezza għas-saħħa tal-konsumatur abbażi tad-*data* disponibbli u għalhekk, dehrilha li kienet meħtieġa *data* addizzjonali biex titlesta l-evalwazzjoni tagħhom. Dawk is-sustanzi kienu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi aromatizzanti iżda bil-kundizzjoni li d-*data* dwar is-sikurezza li tindirizza t-tħassib espress mill-Awtorità ġiet sottomessa qabel ma skadew l-iskadenzi speċifiċi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.

(5) Fost is-sustanzi inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u materjali sors iżda identifikati permezz ta' referenza ta' nota f'qiegħ il-paġna li tirrikjedi li l-Awtorità tlesti l-evalwazzjoni, hemm it-tliet sustanzi li ġejjin tal-Evalwazzjoni tal-Grupp ta' Aromatizzanti 216 (FGE.216): 2-Fenilkrotonaldeid (Nru tal-FL 05.062), 5-Metil-2-fenileż-2-enal (Nru tal-FL 05.099) u 4-Metil-2-fenilpent-2-enal (Nru tal-FL 05.100). Għal dawk is-sustanzi, l-Awtorità talbet *data* xjentifika addizzjonali li sussegwentement ġiet sottomessa mill-applikanti.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 tal-1 ta' Ottubru 2012 li jadotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti stipulati bir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jintroduċiha fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1565/2000 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE (ĠU L 267, 2.10.2012, p. 1).

(6) Fl-opinjoni xjentifika tagħha tad-29 ta' Ġunju 2022 ([4]), l-Awtorità evalwat id-*data* sottomessa u kkonkludiet li s-sustanza rappreżentattiva tal-grupp, 2-Fenilkrotonaldeid (Nru tal-FL 05.062), wasslet għal mod ta' azzjoni tal-anewġeniċità. Peress li l-istudji tal-mikronukleu *in vivo* disponibbli ma kinux konklużivi, ma tistax tiġi eskluża l-anewġeniċità potenzjali *in vivo* għal 2-Fenilkrotonaldeid (Nru tal-FL 05.062), 5-Metil-2-fenileż-2-enal (Nru tal-FL 05.099) u 4-Metil-2-fenilpent-2-enal (Nru tal-FL 05.100).

(7) Wara din l-opinjoni u biex tiġi evalwata aktar is-sikurezza ta' dawk it-tliet sustanzi, l-operaturi kummerċjali interessati impenjaw ruħhom li jipprovdu aktar *data* li tippermetti valutazzjoni bir-reqqa tal-anewġeniċità *in vivo* għal dawn it-tliet sustanzi ([5]).

(8) Jixraq ukoll li, sakemm l-Awtorità tevalwa mill-ġdid id-*data* addizzjonali pprovduta mill-operaturi kummerċjali interessati u b'segwitu għall-opinjoni xjentifika tad-29 ta' Ġunju 2022, il-kundizzjonijiet tal-użu ta' 2-Fenilkrotonaldeid (Nru tal-FL 05.062), 5-Metil-2-fenileż-2-enal (Nru tal-FL 05.099) u 4-Metil-2-fenilpent-2-enal (Nru tal-FL 05.100) jiġu limitati għall-użu attwali tagħhom.

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tiġi emendata skont dan.

(10) Jenħtieġ li l-ikel li ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet ġodda stabbiliti, li miegħu tkun inżiedet kwalunkwe waħda mis-sustanzi kkonċernati u li ġie introdott fis-suq fl-Unjoni jew li ntbagħat minn pajjiżi terzi u li kien fi tranżitu lejn l-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jitħalla jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża. Jenħtieġ li din il-miżura tranżizzjonali ma tapplikax għal preparazzjonijiet li magħhom tkun żdiedet kwalunkwe waħda mis-sustanzi kkonċernati u li mhumiex maħsuba biex jiġu kkunsmati f'dak l-istat, peress li l-manifatturi ta' prodotti tal-ikel li jużaw dawk il-preparazzjonijiet bħala ingredjenti, jafu l-kompożizzjoni tagħhom meta jużawhom.

(11) Għal raġunijiet ta' armonizzazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u biex jitqiesu r-restrizzjonijiet li jikkorrispondu għall-kategoriji tal-ikel użati mill-Awtorità matul il-valutazzjoni tal-esponiment, il-kategoriji tal-ikel elenkati fit-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jenħtieġ li jiġu sostitwiti bil-kategoriji tal-ikel elenkati fil-Parti D tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(12) Jenħtieġ li tiżdied nota f'qiegħ il-paġna ġdida fil-kolonna 8 fil-lista tal-Unjoni, skont it-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 biex tindika l-ħtieġa għal *data* addizzjonali fejn hija mistennija *data* addizzjonali biex titlesta bis-sħiħ il-valutazzjoni tal-Awtorità.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1334/2008**

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([4]) Scientific Opinion on Flavouring Group Evaluation 216 Revision 2 (FGE.216Rev2): consideration of the genotoxicity potential of α,β-unsaturated 2-phenyl-2-alkenals from subgroup 3.3 of FGE.19. EFSA Journal 2022;20(8):7420, doi:10.2903/j.efsa.2022.7420. Disponibbli online: https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/7420

([5]) Ittra tal-IOFI EFFA lid-DĠ Sante – Opinjoni tal-EFSA 216 Rev2 (EFSA Journal (2022; 20(8) 7420)) – segwitu tal-ittra IOFI/EFFA: konferma ta' ttestjar ta' segwitu u ħinijiet antiċipati. Ares(2022)8489668

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżizzjonali**

1. L-ikel li miegħu tkun inżiedet kwalunkwe waħda mis-sustanzi aromatizzanti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament li ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness u li ġie introdott legalment fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jista' jiġi kummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew sad-data se meta għandu jintuża.

2. L-ikel li miegħu tkun inżiedet kwalunkwe waħda mis-sustanzi aromatizzanti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness u li ġie importat fl-Unjoni minn pajjiż terz jista' jiġi kummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża, meta l-importatur ta' tali ikel jista' juri li dan intbagħat mill-pajjiż terz ikkonċernat u li kien fi triqtu lejn l-Unjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-miżuri tranżizzjonali previsti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal preparazzjonijiet li mhux maħsuba biex jiġu kkunsmati fl-istess stat li jkunu, li magħhom tkun inżiedet kwalunkwe waħda mis-sustanzi aromatizzanti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-preparazzjonijiet għandhom jinftiehmu bħala taħlitiet ta' aromatizzant wieħed jew aktar li magħhom jistgħu jiġu inkorporati wkoll ingredjenti oħra tal-ikel bħal addittivi tal-ikel, enzimi jew trasportaturi biex jiffaċilitaw il-ħżin, il-bejgħ, l-istandardizzazzjoni, id-dilwizzjoni jew it-taħlil tagħhom.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Jannar 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 hija emendata kif ġej:

(1) it-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(a) it-tabella li fiha l-lista tal-kategoriji tal-ikel hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Numru tal-kategorija | Kategorija tal-Ikel |
|---|---|
| **0.** | **Il-kategoriji kollha tal-ikel** |
| **01.** | **Analogi u prodotti tal-ħalib** |
| 01.1 | Ħalib mhux mogħti t-togħma, pasturizzat u sterilizzat (inkluż UHT) |
| 01.2 | Prodotti tal-ħalib iffermentati mhux mogħtija t-togħma, inkluż xorrox tal-butir naturali mhux mogħti t-togħma (eskluż xorrox tal-butir sterilizzat) mhux trattat bis-sħana wara l-fermentazzjoni |
| 01.3 | Prodotti ffermentati mhux mogħtija t-togħma, trattati bis-sħana wara l-fermentazzjoni |
| 01.4 | Prodotti tal-ħalib iffermentati mogħtija t-togħma inklużi prodotti trattati bis-sħana |
| 01.5 | Ħalib disidratat kif definit mid-Direttiva 2001/114/KE |
| 01.6 | Krema u trab tal-krema |
| 01.6.1 | Krema pasturizzata mhux mogħtija t-togħma (minbarra kremi b'xaħam imnaqqas) |
| 01.6.2 | Prodotti tal-krema ħajjin iffermentati mhux mogħtija t-togħma u prodotti li jissostitwixxu b'kontenut ta xaħam ta' anqas minn 20 % |
| 01.6.3 | Kremi oħrajn |
| 01.7 | Ġobon u prodotti tal-ġobon |
| 01.7.1 | Ġobon mhux misjur minbarra prodotti fil-kategorija 16 |
| 01.7.2 | Ġobon misjur |
| 01.7.3 | Qoxra tal-ġobon li tittiekel |
| 01.7.4 | Ġobon tax-xorrox |
| 01.7.5 | Ġobon ipproċessat |
| 01.7.6 | Prodotti tal-ġobon (minbarra prodotti fil-kategorija 16) |
| 01.8 | Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi whiteners tax-xorb |
| 01.9 | Kaseinati li jittieklu |
| 02. | Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħam u ż-żejt |
| 02.1 | Xaħmijiet u żjut essenzjalment liberi mill-ilma (minbarra xaħam tal-ħalib anidru) |
| 02.2 | Emulsjonijiet tax-xaħam u taż-żejt prinċipalment tat-tip ilma fiż-żejt |
| 02.2.1 | Butir u butir ikkonċentrat u żejt tal-butir u xaħam tal-ħalib anidru |
| 02.2.2 | Emulsjonijiet oħra tax-xaħam u ż-żejt inklużi pejsts kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u emulsjonijiet likwidi |
| 02.3 | Sprej taż-żejt veġetali għat-twaġen |
| 03. | Silġ li jittiekel |
| 04. | Frott u ħxejjex |

| | |
|---|---|
| 04.1 | Frott u ħxejjex mhux ipproċessati |
| 04.1.1 | Frott u ħxejjex friski, sħaħ |
| 04.1.2 | Frott u ħxejjex imqaxxra, imqatta’ u mqatta’ bċejjeċ bċejjeċ |
| 04.1.3 | Frott u ħxejjex iffriżati |
| 04.2 | Frott u ħxejjex ipproċessati |
| 04.2.1 | Frott u ħxejjex imnixxfa |
| 04.2.2 | Frott u ħxejjex fil-ħall, fiż-żejt jew fl-ilma mielaħ |
| 04.2.3 | Frott u ħxejjex fil-laned u fil-fliexken |
| 04.2.4 | Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex, esklużi l-prodotti koperti minn 5.4 |
| 04.2.4.1 | Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex eskluża z-zalza tal-frott |
| 04.2.4.2 | Zalza tal-frott, esklużi prodotti koperti mill-kategorija 16 |
| 04.2.5 | Ġamm, ġelatini u marmellati u prodotti simili |
| 04.2.5.1 | Ġamm ekstra u ġelatini ekstra kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE |
| 04.2.5.2 | Ġamm, ġelatini u marmellati u purè tal-qastan bil-ħlewwa kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE |
| 04.2.5.3 | Pejsts tal-frott u tal-ħaxix oħra simili |
| 04.2.5.4 | Butir tal-ġewż u pejsts tal-ġewż |
| 04.2.6 | Prodotti tal-patata pproċessati |
| 05. | Ħlewwiet |
| 05.1 | Prodotti tal-kawkaw u taċ-ċikkulata kif koperti mid-Direttiva 2000/36/KE |
| 05.2 | Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs |
| 05.3 | Chewing gum |
| 05.4 | Tiżjin, kisi u mili, minbarra mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4 |
| 06. | Ċereali u prodotti taċ-ċereali |
| 06.1 | Qamħ sħiħ, miksur jew imfarrak |
| 06.2 | Dqiq u prodotti u lamti oħra mitħuna |
| 06.2.1 | Dqiq |
| 06.2.2 | Lamti |
| 06.3 | Ċereali tal-kolazzjon |
| 06.4 | Għaġin |
| 06.4.1 | Għaġin frisk |
| 06.4.2 | Għaġin xott |
| 06.4.3 | Għaġin frisk imsajjar minn qabel |
| 06.4.4 | Njokki tal-patata |
| 06.4.5 | Mili ta’ għaġin mimli (ravjul u simili) |
| 06.5 | Taljarini |
| 06.6 | Panuri |

| | |
|---|---|
| 06.7 | Ċereali msajra minn qabel jew ipproċessati |
| 07. | Oġġetti tal-forn |
| 07.1 | Ħobż u bziezen |
| 07.1.1 | Ħobż ippreparat biss bl-ingredjenti li ġejjin: dqiq tal-qamħ, ilma, ħmira tal-birra jew ħmira, melħ |
| 07.1.2 | Pain courant français; Friss búzakenyér, fehér és félbarna kenyerek |
| 07.2 | Oġġetti fini tal-forn |
| **08.** | **Laħam** |
| 08.1 | Laħam frisk, ħlief preparati tal-laħam kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 |
| 08.2 | Preparati tal-laħam kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 |
| 08.3 | Prodotti tal-laħam |
| 08.3.1 | Prodotti tal-laħam mingħajr trattament ta' sħana |
| 08.3.2 | Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana |
| 08.3.3 | Kisi ta' protezzjoni u kisjiet u tiżjin għal-laħam |
| 08.3.4 | Prodotti tal-laħam tradizzjonali u kkurati tradizzjonalment b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw in-nitriti u n-nitrati |
| 08.3.4.1 | Prodotti tradizzjonali kkurati bl-immersjoni (Prodotti tal-laħam ikkurati bl-immersjoni f'soluzzjoni li tikkura li tinkludi nitriti u/jew nitrati, melħ u komponenti oħra) |
| 08.3.4.2 | Prodotti kkurati niexfa tradizzjonali. (Il-proċess tal-ikkurar niexef jinvolvi l-applikazzjoni niexfa ta' taħlita għall-ikkurar li jkun fiha nitriti u/jew nitrati, melħ u komponenti oħra mal-wiċċ tal-laħam u wara jkun hemm perjodu ta' stabilizzazzjoni/maturazzjoni) |
| 08.3.4.3 | Prodotti oħra tradizzjonali u kkurati b'mod tradizzjonali (li jinkludu l-proċessi ta' immersjoni u ta' kkurar niexef użati flimkien jew meta n-nitrit u/jew in-nitrat jiġi inkluż fi prodott kompost jew meta s-soluzzjoni tal-ikkurar tiġi injettata fil-prodott qabel ma jissajjar) |
| 09. | Ħut u prodotti tal-ħut |
| 09.1 | Ħut u prodotti tal-ħut mhux ipproċessati |
| 09.1.1 | Ħut mhux ipproċessat |
| 09.1.2 | Molluski u krustaċji mhux ipproċessati |
| 09.2 | Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji |
| 09.3 | Bajd tal-ħut |
| 10. | Bajd u prodotti tal-bajd |
| 10.1 | Bajd mhux ipproċessat |
| 10.2 | Bajd u prodotti tal-bajd ipproċessati |
| 11. | Zokkor, ġuleppijiet, għasel u prodotti li jżidu l-ħlewwa għal fuq il-mejda |
| 11.1 | Zokkor u ġuleppijiet kif definiti mid-Direttiva 2001/111/KE |
| 11.2 | Zokkor u ġuleppijiet oħra |
| 11.3 | Għasel kif definit fid-Direttiva 2001/110/KE |
| 11.4 | Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda |
| 11.4.1 | Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda f'forma likwida |
| 11.4.2 | Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda f'forma ta' trab |
| 11.4.3 | prodotti li jżidu l-ħlewwa għal fuq il-mejda f'pilloli |
| 12. | Imluħa, ħwawar, sopop, zlazi, insalati u prodotti tal-proteina |

| | |
|---|---|
| 12.1 | Melħ u sostituti tal-melħ |
| 12.1.1 | Melħ |
| 12.1.2 | Sostituti tal-melħ |
| 12.2 | Ħxejjex aromatiċi, ħwawar għat-togħma fl-ikel, ħwawar |
| 12.2.1 | Ħxejjex aromatiċi u ħwawar għat-togħma fl-ikel |
| 12.2.2 | Ħwawar u kondimenti |
| 12.3 | Ħall u aċidu aċetiku dilwit (mħallta bl-ilma sa 4-30 % skont il-volum) |
| 12.4 | Mustarda |
| 12.5 | Soppa u brodu |
| 12.6 | Zlazi |
| 12.7 | Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta' ikel mielaħ |
| 12.8 | Ħmira u prodotti ta' ħmira |
| 12.9 | Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8 |
| **13.** | **Oġġetti tal-ikel maħsuba għal użi nutrittivi partikolari kif iddefinit mid-Direttiva 2009/39/KE** |
| 13.1 | Ikel għal trabi u tfal żgħar |
| 13.1.1 | Formuli tat-trabi kif definiti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ([1]) |
| 13.1.2 | Formula li ssegwi kif definita mid-Direttiva 2006/141/KE |
| 13.1.3 | Ikel abbażi ta' ċereali pproċessat u ikel tat-trabi għal trabi u tfal żgħar kif definiti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE ([2]) |
| 13.1.4 | Ikel ieħor għal tfal żgħar |
| 13.1.5 | Ikel dijetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif definit mid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE ([3]) u formuli speċjali għal trabi |
| 13.1.5.1 | Ikel dijetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali u formuli speċjali għal trabi |
| 13.1.5.2 | Ikel dijetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif iddefiniti mid-Direttiva 1999/21/KE |
| 13.2 | Ikel dijetetiku għal skopijiet mediċi speċjali kif definiti mid-Direttiva 1999/21/KE (minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5) |
| 13.3 | Ikel dijetetiku għal dieti ta' kontroll tal-piż maħsuba biex jissostitwixxu l-ikel totali li wieħed jiekol kuljum jew ikla individwali (id-dieta ta' kuljum totali kollha jew parti minnha) |
| 13.4 | Oġġetti tal-ikel adattati għal persuni li ma jittollerawx il-glutina kif definit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 ([4]) |
| **14.** | **Xorb** |
| 14.1 | Xorb mhux alkoħoliku |

| | |
|---|---|
| 14.1.1 | Ilma, inkluż ilma minerali naturali kif definit fid-Direttiva 2009/54/KE u ilma tan-nixxiegħa u l-ilmijiet l-oħra kollha fi fliexken jew ippakkjati |
| 14.1.2 | Meraq tal-frott kif definit mid-Direttiva 2001/112/KE u meraq tal-ħaxix |
| 14.1.3 | Nettari tal-frott kif definiti mid-Direttiva 2001/112/KE u nettari tal-ħaxix u prodotti simili |
| 14.1.4 | Xarbiet mogħtija t-togħma |
| 14.1.5 | Kafè, te, infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott, ċikwejra; te, infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott, u estratti taċ-ċikwejra; te, preparazzjonijiet ta' pjanti, frott u ċereali għal infużjonijiet kif ukoll taħlitiet u taħlitiet istantanji ta' dawn il-prodotti |
| 14.1.5.1 | Kafè, estratti tal-kafè |
| 14.1.5.2 | Oħrajn |
| 14.2 | Xarbiet alkoħoliċi, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx |
| 14.2.1 | Birra u xarbiet tax-xgħir |
| 14.2.2 | Inbid u prodotti oħra definiti fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 |
| 14.2.3 | Sajder u perri |
| 14.2.4 | Inbid tal-frott u nbid magħmul |
| 14.2.5 | Mead |
| 14.2.6 | Spirti kif definit mir-Regolament (UE) 2019/787 |
| 14.2.7 | Prodotti aromatizzati tal-inbid kif definit mir-Regolament (UE) Nru 251/2014 |
| 14.2.7.1 | Inbid aromatizzat |
| 14.2.7.2 | Xarbiet abbażi ta' nbid aromatizzat |
| 14.2.7.3 | Cocktails ta' prodotti tal-inbid aromatizzati |
| 14.2.8 | Xorb alkoħoliku ieħor inkluż taħlit ta' xorb alkoħoliku ma' xorb mhux alkoħoliku u xorb alkoħoliku ieħor ibbażat fuq l-alkoħol distillat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' inqas minn 15 % |
| **15.** | **Oġġetti mielħa u ikliet ħfief lesti biex jittieklu** |
| 15.1 | Ikliet ħfief abbażi ta' patata, ċereali, dqiq jew lamtu |
| 15.2 | Ġewż ipproċessat |
| **16.** | **Deżerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4** |
| **17.** | **Supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE** |
| 17.1 | Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla solida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar |
| 17.2 | Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla likwida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar |
| **18.** | **Oġġetti tal-ikel ipproċessat mhux koperti mill-kategoriji 1 sa 17, minbarra oġġetti tal-ikel għal trabi u tfal żgħar** |

(1) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.
(2) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.
(3) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29.
(4) ĠU L 16, 21.1.2009, p. 3."

(b) taħt il-Kolonna 8 (noti f'qiegħ il-paġna), tiżdied in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja:

“(5) għandha tiġi sottomessa *data* xjentifika addizzjonali f'perjodu ta' żmien miftiehem mas-Servizzi tal-Kummissjoni, għall-evalwazzjoni li għandha titlesta mill-Awtorità.”

(2) fit-Tabella 1 fit-Taqsima 2, l-entrati 05.062, 05.099 u 05.100 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “05.062 | 2-Fenilkrotonaldeid | 4411-89-6 | 1474 | 670 | | Fil-kategorija 1.4 – mhux aktar minn 0,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 1.7 – mhux aktar minn 1,40 mg/kg<br>Fil-kategorija 1.8 – mhux aktar minn 1,30 mg/kg<br>Fil-kategorija 2.1, 2.2, 2.3 – mhux aktar minn 1,60 mg/kg<br>Fil-kategorija 3.0 – mhux aktar minn 1,15 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2 – mhux aktar minn 0,05 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2.2 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg<br>Fil-kategorija 04.2.5 – mhux aktar minn 0,30 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.1 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.2 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.3 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.4 – mhux aktar minn 1,10 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.3 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.4 – mhux aktar minn 0,04 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.6 – mhux aktar minn 0,30 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.7 – mhux aktar minn 0,60 mg/kg<br>Fil-kategorija 7.1 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 7.2 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 8.2, 8.3 – mhux aktar minn 0,80 mg/kg<br>Fil-kategorija 9.2, 9.3 – mhux aktar minn 0,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 10.2, – mhux aktar minn 0,20 mg/kg<br>Fil-kategorija 11.2 – mhux aktar minn 1,5 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.2 – mhux aktar minn 0,60 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.3 – mhux aktar minn 1,80 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.4 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.5 – mhux aktar minn 0,40 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.6 – mhux aktar minn 1,90 mg/kg | 5 | EFSA |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Fil-kategorija 12.7 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.9 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 13.2, 13.3, 13.4 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.1 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.1 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.2 – mhux aktar minn 0,30 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.5 – mhux aktar minn 0,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.6 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 15.0 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 16 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 18.0 – mhux aktar minn 0,40 mg/kg | | |
| 05.099 | 5-Metil-2-fenileż-2-enal | 21834-92-4 | 1472 | 10365 | | Fil-kategorija 1.4 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 1.7 – mhux aktar minn 3,20 mg/kg<br>Fil-kategorija 1.8 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 2.1, 2.2, 2.3 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 3.0 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2 – mhux aktar minn 1,10 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2.2 – mhux aktar minn 0,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2.5 – mhux aktar minn 2,70 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.1 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.2 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.3 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 5.4 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.3 – mhux aktar minn 2,10 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.4 – mhux aktar minn 0,30 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.6 – mhux aktar minn 3,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 6.7 – mhux aktar minn 0,06 mg/kg<br>Fil-kategorija 7.1 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 7.2 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 8.2, 8.3 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg | 5 | EFSA |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Fil-kategorija 9.2, 9.3 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 10.2 – mhux aktar minn 0,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 11.1 – mhux aktar minn 2,40 mg/kg<br>Fil-kategorija 11.2 – mhux aktar minn 5 mg/kg<br>Fil-kategorija 11.4 – mhux aktar minn 0,02 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.2 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.3 – mhux aktar minn 3,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.4 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.5 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.6 – mhux aktar minn 1,60 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.7 – mhux aktar minn 0,60 mg/kg<br>Fil-kategorija 12.9 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 13.2, 13.3, 13.4 – mhux aktar minn 1,10 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.1 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.1 – mhux aktar minn 1,25 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.2 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.5 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 14.2.6 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 15.0 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 16 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 17 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 18.0 – mhux aktar minn 2,30 mg/kg | | |
| 05.100 | 4-Metil-2-fenilpent-2-enal | 26643-91-4 | 1473 | 10366 | | Fil-kategorija 1.4 – mhux aktar minn 0,60 mg/kg<br>Fil-kategorija 1.7 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 1.8 – mhux aktar minn 0,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 2.1, 2.2, 2.3 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg<br>Fil-kategorija 3.0 – mhux aktar minn 0,60 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2 – mhux aktar minn 0,09 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2.2 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg<br>Fil-kategorija 4.2.5 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg | 5 | EFSA |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Fil-kategorija 5.1 – mhux aktar minn 2,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 5.2 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 5.3 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 5.4 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 6.3 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 6.4 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 6.6 – mhux aktar minn 3,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 6.7 – mhux aktar minn 0,20 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 7.1 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 7.2 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 8.2, 8.3 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 9.2, 9.3 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 10.2 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 11.2 – mhux aktar minn 0,10 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 12.2 – mhux aktar minn 0,90 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 12.3 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 12.4 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 12.5 – mhux aktar minn 0,80 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 12.6 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 12.7 – mhux aktar minn 1,50 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 12.9 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 13.2, 13.3, 13.4 – mhux aktar minn 5,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 14.2.1 – mhux aktar minn 0,08 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 14.2.2 – mhux aktar minn 0,08 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 14.2.5 – mhux aktar minn 0,08 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 14.2.6 – mhux aktar minn 0,08 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 15.0 – mhux aktar minn 1,8 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 16 – mhux aktar minn 4,00 mg/kg | | |
| | | | | | | Fil-kategorija 17 – mhux aktar minn 0,60 mg/kg” | | |